MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' April, 2019

Rikors Maħluf Numru 504/2016 LM

**Clive Pulis (K.I. Numru 208083M)**

***vs.***

**Jovil Abela (K.I. Numru 409183M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-24 ta' Ġunju, 2016 mill-attur **Clive Pulis** (ID 208083 M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

***Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża:***

1. *Nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tas-sena 2013, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija waqt li r-rikorrenti Clive Pulis kien qiegħed jirritorna lil ibnu minuri lura għand ommu wara l-aċċess, huwa safa aggredit mill-intimat Jovil Abela*

*ġewwa Triq Birbal, f'Ħal Balzan. B'din l-aggressjoni u kif se jiġi ppruvat fil-kawża, l-istess Jovil Abela kkawża lir-rikorrenti ġrieħi ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu (Dok. A);*

2. *Se jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat illi kien biss ħtija tal-intimat u unikament b'konsegwenza ta' dan, illi r-rikorrent sofra ġrieħi ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu. Saħansitra għal dan l-istess aġir, l-intimat instab ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikaturi Kriminali mogħtija mill-Maġistrat Dr Doreen Clarke LL.D fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spettur Luke Bonello) vs Jovil Abela*** *u datata 18 ta' April, 2016 (Dok. B);*

3. *Per konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti sofra danni konsistenti f'debilità funzjonali u permanenti, kif inhu wkoll dettaljat aħjar fir-rapport mediku rilaxxjat mit-Tabib Konsulent Adrian M. Agius (Dok. Ċ), telf ta' qligħ futur, u spejjeż oħra, u dan biss ħtija tal-intimat;*

4. *Interpellat b'ittra ġudizzjarja datata 17 ta' Ġunju, 2015 (Dok. D) sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimat baqa' inadempjenti;*

5. *Ir-rikorrenti Clive Pulis jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*<u>Raġuni tat-Talba</u>*

1. *Minħabba dolo, u/jew culpa da parti tal-intimat, ir-rikorrenti Clive Pulis sofra ġrieħi serji, gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu, riżultanti dawn f'danni konsistenti f'debilità funzjonali u permanenti, telf ta' qligħ futur, u spejjeż oħra;*

2. *Għalhekk kellhom jiġu mibdija dawn il-proċeduri.*

*<u>Talbiet:</u>*

*Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni u l-ispejjeż l-oħra sofferti mir-rikorrenti Clive Pulis kif fuq spjegat b'konsegwenza ta' dak li seħħ fit-22 ta' Settembru, 2013;*

2. *Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti konsistenti dawn f'debilità funzjonali u permanenti, telf ta' qligħ futur, u spejjeż oħra;*

3. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati, u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mill-20 ta' Ġunju, 2015, data tan-notifika tal-ittra ġudizzjarja numru 2214/15;*

*Bl-imgħax legali kif mitlub, u bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja, datata 17 ta' Ġunju, 2015, (2214/15), kontra l-intimat li jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Jovil Abela** (K.I. numru 409183M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Lulju, 2016, li biha eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok l-eċċipjenti ma kienx responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel eċċezzjoni, kien hemm ħtija kontributorja da parti tar-rikorrenti;*

3. *Illi in ogni każ, il-persentaġġ ta' diżabilità huwa fermament kontestat u din l-Onorabbli Qorti għandha tappunta espert sabiex jistabbilixxi jekk hemmx diżabilità permanenti u jekk iva l-persentaġġ relattiv;*

4. *Illi in ogni każ, l-espert appuntat għandu jinvestiga u jqis ukoll bħala parti mis-sejbien tiegħu l-qagħda fiżika tar-rikorrenti qabel l-allegat inċident;*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna nbdiet mill-attur wara inċident meta fit-22 ta' Settembru, 2013 inqala' diżgwid bejn il-partijiet li wassal għal aggressjoni fiżika. L-attur jgħid li konsegwentement huwa sofra debilità permanenti wara li allegatament qala' daqqa ta' ponn f'imnieħru mingħand il-konvenut. Permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob li l-konvenut jinżamm responsabbli għad-debilità funzjonali u permanenti sofferta minnu, u sabiex jiġu likwidati d-danni sofferti minnu. Il-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb li hu mhux responsabbli għal dan l-inċident u li kien hemm ħtija kontributorja da parti tal-attur għal dak li ġara.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija li sar in segwitu għall-inċident imsemmi.[1] Ġiet esebita wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) mogħtija fit-18 ta'

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.

April, 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Jovil Abela**.[2] Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti tal-Maġistrati esprimiet il-konvinzjoni tagħha li kien l-intervent tal-konvenut li wassal biex argument bil-fomm iddeġenera fi ġlieda fiżika bejnu u l-attur, u kien fid-dawl ta' dan li l-Qorti ddeċidiet li dan għandu jwieġeb għall-ġrieħi sofferti mill-attur. Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti tal-Maġistrati ma sabitx li l-konvenut kellu jwieġeb għal xi ħsara li seħħet fil-proprjetà tal-attur, u għalhekk ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih. Naturalment f'dan l-istadju jrid jingħad ukoll li minkejja li l-Qorti tieħu konsiderazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha, il-grad ta' prova f'kawża ċivili huwa differenti minn dak f'kawża kriminali, u għalhekk il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fl-imsemmija kawża mhux bilfors għandhom rilevanza fil-proċeduri odjerni.

Mill-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżultaw id-dettalji dwar il-mod kif seħħ l-imsemmi l-inċident, u ċioé li hekk kif l-attur wassal lil ibnu minuri f'post miftiehem minn qabel ma' omm l-istess minuri Redianne Bonello, viċin San Anton, inqala' diżgwid bejniethom, bir-riżultat li l-konvenut, li dak il-ħin kien riekeb fil-karozza ma' omm il-minuri, li llum hija mart il-konvenut, ħareġ mill-istess vettura u mar fuq l-attur fejn tah daqqa ta' ponn, middu mal-art u baqa' jtih sakemm firduhom it-tfajliet rispettivi tagħhom.

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport mediku mħejji mill-kirurgu tal-ENT **Mr Adrian M. Agius**[3], li kkonstata li wara dan l-inċident u d-daqqa li qala' f'imnieħru, l-attur għadu jsofri minn *nasal obstruction on the right side*, u

[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 17 tal-proċess.

konsegwentement stabbilixxa li d-debilità permanenti sofferta mill-attur hi fil-grad ta' sitta fil-mija (6%).[4]

Ġiet esebita wkoll kopja ta' ittra uffiċjali bid-data tas-17 ta' Ġunju, 2015[5] li permezz tagħha l-attur interpella lill-konvenut jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-inċident li seħħ fit-22 ta' Settembru, 2013.

L-attur fl-*affidavit* tiegħu[6] qal illi hu missier tifel minuri li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident kellu tliet snin, u dan it-tifel twieled minn relazzjoni li l-attur kellu ma' ċerta Redianne Bonello. Qal li wara xi żmien din ir-relazzjoni spiċċat, u l-ex-sieħba tiegħu bdiet relazzjoni mal-konvenut, li l-attur qal kien ħabib tiegħu tant hu hekk li anki biegħlu sehmu mid-dar li l-attur kellu mal-imsemmija Redianne Bonello. Żied jgħid li sa dakinhar tal-inċident, huwa qatt ma kellu inkwiet mal-konvenut. L-attur spjega kif dakinhar tal-inċident, hu kien wassal lit-tifel tiegħu għall-aċċess u filgħodu kien bagħat messaġġ lill-ex sieħba tiegħu fejn staqsiha kienx possibbli li minflok fil-post tas-soltu, it-tifel jitwassal quddiem San Anton ħalli wara l-ħin tal-aċċess tal-missier, it-tifel jinġabar minn hemmhekk. Qal li r-reazzjoni ta' Bonello għal dan kienet waħda ta' rabja u kliem dispreġjattiv fil-konfront tat-tfajla tal-attur. L-attur żied jispjega li hu insista ma' Redienne Bonello li t-tifel tiġbru minn ħdejn San Anton u dan minħabba li f'dak iż-żmien l-aċċess tat-tifel kien għadu mhux regolat bil-Qorti u għalhekk ġieli saru arranġamenti skont il-bżonn tal-ġenituri. Spjega li hekk kif

[4] Ix-xhud irrelata wara li eżamina lill-attur, illi: "*On examination, externally, the nasal bridge is slightly deviated to the left while internally, the nasal septum is deviated to the right, thus accounting for his right nasal obstruction. The rest of the ear, nose and throat examination was unremarkable. Since the injury was over two years ago there is not going to be any further change in his condition. Comparing Mr Pulis' external appearance to a photograph taken prior to the injury, it is apparent that the bridge deviation followed the injury.*"
[5] *A fol.* 18 tal-proċess.
[6] *A fol.* 29 tal-proċess.

ħareġ mill-karozza bit-tifel minuri f'idejh sabiex jagħtih lil ommu, Redianne Bonello bdiet tgħajjat miegħu u mat-tfajla li kellu miegħu, u fil-pront ħareġ il-konvenut mill-vettura ta' Bonello u mar dritt għal fuq l-attur, tah daqqa ta' ponn fuq imnieħru, meddu mal-art u baqa' jtih sakemm intervjenew it-tfajliet rispettivi tal-partijiet. L-attur qal li wara xi ħin il-konvenut mar jipprova jiftaħ il-but tal-vettura tal-konvenuta iżda sab li dan kien magħluq, u wara tela' jiġri fuq il-vettura li kien qiegħed isuq l-attur, u beda jgħajjat u jgħid li l-biċċa ma kinitx ser tieqaf hemmhekk. L-attur qal ukoll li minkejja li t-tifel minuri tħalla waħdu fil-vettura tal-omm, dan xorta waħda ra kollox. L-attur qal li wara dan kollu hu mar jagħmel rapport fl-Għassa ta' Birkirkara, u l-Pulizija bagħtuh il-poliklinika ta' Raħal Ġdid fejn it-tabiba li ratu qaltlu li kien ikun aħjar għalih jekk imur l-Isptar minħabba f'suspett li kellha li huwa seta' sofra ksur f'imnieħru. Qal li mill-Isptar hu ngħata appuntament ieħor, u meta mar għal dan l-appuntament mill-ewwel kien ġie stabbilit li huwa kellu ksur f'imnieħru, tant li kellu bżonn jagħmel intervent. Qal li l-intervent sarlu fil-5 ta' Ottubru, 2013 u konsegwenza ta' dan ma setax imur lura x-xogħol għal xi jiem. L-attur kompla jgħid li huwa għadu jsofri minn uġigħ f'imnieħru speċjalment fil-ġranet ta' kesħa, ġie affettwat ukoll is-sens ta' xamm tiegħu u jkun hemm drabi fejn jara xi dmija.

L-attur esebixxa wkoll kopja ta' konvenju ffirmat bejn il-partijiet fil-kawża fil-5 ta' Awwissu, 2013[7] li permezz tiegħu hu kien ipprometta li jbiegħ lill-konvenut in-nofs indiviż tal-appartament internament markat bin-numru tlieta (3), fi blokk bini bin-numru 109, Vjal Cottoner, il-Fgura. Ġew esebiti wkoll sensiela ta' messaġġi skambjati bejn l-attur u Redianne Bonello fil-ġranet ta' qabel

[7] *A fol.* 33 tal-proċess.

seħħ l-inċident inkwistjoni kif ukoll fil-ġranet ta' wara[8], minn fejn jirriżulta l-mod kif Redianne Bonello rreaġixxiet għat-talba li saritilha mill-attur sabiex it-tifel minuri Dale jinġabar minn ħdejn San Anton dakinhar tat-22 ta' Settembru, 2013.

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr Maria Elena Pawley miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid[9], fejn jintqal li meta l-attur mar iċ-Ċentru tas-Saħħa dan kien qiegħed isofri minn brix fuq il-minkeb tan-naħa tax-xellug, brix fuq l-irkoppa tan-naħa tax-xellug, brix fuq id-dahar u nefħa u possibilment żlugar fl-imnieħer. L-attur ippreżenta wkoll kopja tan-noti relattivi għall-intervent li l-attur kien meħtieġ li jagħmel f'imnieħru[10], kopja taċ-ċertifikati mediċi għall-ġranet li fihom l-attur ma setax jattendi x-xogħol[11], u kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Clive Pulis**[12], fejn l-attur ġie lliberat minn akkużi li hu volontarjament kiser il-paċi u l-bon ordni b'għajjat u ġlied jew mod ieħor, u li ħebb għal Jovil Abela u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa.

Fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2016 xehdet **Donna Pulis Zammit**[13], li llum il-ġurnata hi miżżewġa lill-attur, li qalet li hi qatt ma kellha problemi bit-tifel minuri tal-attur, u hi dejjem ittrattatu qisu t-tifel tagħha. Qalet li dakinhar tal-inċident hi kienet riekba fil-vettura mal-attur u kien hemm it-tifel minuri tiegħu magħhom. Qalet li dakinhar filgħaxija huma kienu mistednin għal *party* tat-tfal, u kien għalhekk li l-attur talab lil Redianne Bonello tiġbor lit-tifel minn ħdejn San Anton. Qalet li għal din it-talba tal-attur, Redianne Bonello wieġbet

---

8 *A fol.* 35 tal-proċess.
9 *A fol.* 38 tal-proċess.
10 *A fol.* 44 tal-proċess.
11 *A fol.* 46 *et seq* tal-proċess.
12 *A fol.* 53 tal-proċess.
13 *A fol.* 67 tal-proċess.

b'ħafna tgħajjir għalkemm qablet li tmur għat-tifel fil-post indikat mill-attur. Ix-xhud qalet li kif hi u l-attur waslu quddiem San Anton sabu lil Bonello diġà qiegħda hemm tistenna fil-vettura tagħha, u riekeb magħha kien hemm il-konvenut. Kompliet tgħid li anki mill-mod kif Bonello ħarġet mill-vettura u sabtet il-bieba, din kienet tidher li kienet irrabjata, u li hekk kif resqet lejhom din bdiet tgħid ħafna affarijiet fosthom li ma kienx fi ħsiebha terġa' tmur tiġbor lil binha minn Ħ'Attard u affarijiet bħal dawn. Qalet li f'ħin minnhom ħareġ il-konvenut żaqqu barra mill-vettura ta' Bonello, u dan mar jiġri direttament fuq l-attur, tah daqqa ta' ponn u middu mal-art. Ix-xhud spjegat dak li ġara:

> "Clive intefa' mal-art ovvjament għax vera ma stennihiex jiġifieri, baqa' jtih, jien ovvjament dak il-ħin mort niġri bdejt nipprova ngħollih mill-qalziet. Redianne ħalliet lit-tifel fil-karozza bil-bieba miftuħa u bdiet tipprova tgħollih minn sidru ovvjament biex twaqqfu … Jovil qiegħed mimdud fuqu baqa' jagħtih. B'xi mod irnexxielna nisseparawhom, Jovil mar jiġri għal ġol-bagoll ta' Redianne u beda jipprova jiftħu biex ovvjament joħroġ xi ħaġa."

Ix-xhud żiedet tgħid li dak il-ħin il-konvenut sab il-bagoll tal-vettura imsakkar, u xħin ra hekk, tela' jiġri fuq il-bankina, ħa ġirja u ta daqqa ta' sieq fuq il-*bonnet* tal-vettura li kien qiegħed isuq l-attur u li tappartjeni lil missieru. Qalet li wara li kulħadd rikeb fil-vettura rispettiva tiegħu, il-konvenut baqa' jgħajjat u jhedded lill-attur. Ix-xhud kompliet tgħid li wara l-inċident hi u l-attur marru l-Għassa u għamlu rapport. Wara marru ċ-Ċentru tas-Saħħa minn fejn l-attur intbagħat l-Isptar, fejn ġie mgħarraf li sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm ksur jew le f'imnieħru, l-ewwel kien hemm bżonn li tinżel in-nefħa li kellu. Ix-xhud qalet li hija kienet bdiet toħroġ mal-attur qabel seħħ dan l-inċident. Wara l-inċident hija bdiet tinnota li dan beda jbati bl-uġigħ ta' rasijiet, sar ikollu problem bix-xamm u kien ikollu ħruġ ta' demm minn imnieħru.

Fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2016 xehed l-attur **Clive Pulis**[14], li ppreżenta kopji tal-*FS3 forms* rilevanti għaż-żmien li fih seħħ l-inċident inkwistjoni.[15]

Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2016 xehed **Mr Herman Borg Xuereb**[16], li hu *consultant ENT u Head and Neck surgeon* fl-Isptar Mater Dei, li spjega li fil-5 ta' Ottubru, 2013 sar intervent fejn lill-attur tranġatlu l-għadma ta' imnieħru. Ix-xhud qal li l-attur ġie riferut lilu mid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar. Ix-xhud spjega li hu ma setax jistabbilixxi b'ċertezza d-devjazzjoni fl-imnieħer kemm kienet ilha hemm, u spjega li din setgħet kienet hemm minħabba fi trawma jew b'mod naturali, u qal li minħabba li hu ra lill-attur ftit jew wisq wara t-trawma, u għalhekk kien hemm tbenġil u nefħa, hu ma setax jgħid b'ċertezza d-devjazzjoni kemm kienet ilha hemm. Ix-xhud qal li sa fejn seta' jikkonstata hu, l-invervent li sar fuq l-attur kien irnexxa.

Fl-istess udjenza xehed **Mr Adrian Agius**[17], kirurgu fil-qasam tal-ENT li qal li hu jispeċjalizza fl-imnieħer. Ix-xhud qal li wara li eżamina lill-attur sab li dan kellu mnieħru mgħawweġ u kien hemm problemi bit-teħid tan-nifs minħabba fid-daqqa li qala'. Żied jgħid li sakemm ma jsirx intervent fuq l-attur, id-diżabilità tiegħu hija waħda permanenti. B'riferiment għall-intervent kirurġiku li kien sar fuq l-attur fil-5 ta' Ottubru, 2013, ix-xhud qal li dakinhar lill-attur sarlu *reduction fracture nose,* li hi operazzjoni bażika ta' ftit sekondi fejn il-pazjent jitraqqad biex l-għadam jidħol f'postu. Żied jgħid li dan l-intervent sar aktar għal raġunijiet kosmetiċi milli biex jirranġa l-funzjoni tal-imnieħer.

[14] *A fol.* 76 tal-proċess.
[15] *A fol.* 78 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 87 tal-proċess.
[17] *A fol.* 91 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed il-**PS 839 Stephen Micallef**[18], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni huwa kien stazzjonat l-Għassa ta' Birkirkara. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport li sar lill-Pulizija dakinhar.[19]

Permezz ta' nota tat-3 ta' Frar, 2017, l-attur esebixxa kopja tal-inkartament kollu relattiv għall-kawża fl-ismijiet **Pulizija (Spettur Luke Bonello)** ***vs.*** **Jovil Abela** (Kumpilazzjoni Numru 1237/2014) deċiża fit-18 ta' April, 2016.[20]

Il-konvenut, **Jovil Abela** fl-*affidavit* tiegħu[21] qal li hu ilu jaf lill-attur sa minn meta kienu tfal, u kienu jilagħbu l-futbol u jmorru l-lezzjonijiet tad-duttrina flimkien. Qal li hu jaf li l-attur minn dejjem kellu problemi bin-nifs, u biex jiġri kien juża l-*inhalers.* Żied jgħid li fil-passat l-attur kien joħroġ ma' Redianne Bonello, illum mart il-konvenut, u li minn din ir-relazzjoni twieled tifel, imma ftit wara t-twelid ta' dan it-tifel, ir-relazzjoni bejn l-attur u Redienne Bonello spiċċat. Kien ftit wara li l-konvenut beda joħroġ ma' Redianne Bonello, u l-attur mill-ewwel m'aċċettax dan. Il-konvenut qal li l-aċċess tal-attur għal ibnu minuri issa hu regolat b'digriet tal-Qorti, iżda minkejja dan għadu jinqala' l-inkwiet dwar l-aċċess tat-tifel. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-aċċess tal-attur għal ibnu minuri kien għadu mhux regolat, u d-diżgwid bejn l-attur u l-ex sieħba tiegħu kien dwar il-ħin u l-post tal-aċċess. Qal li dakinhar kienet għaddiet tal-attur u omm il-minuri marret tiġbor lil binha minn ħdejn San Anton għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija. Qal li hekk kif omm il-minuri ħarġet mill-vettura tagħha u resqet lejn dik tal-attur biex tiġbor it-tifel, l-attur u omm it-tifel bdew jargumentaw, u ftit sekondi wara t-tfajla tal-attur ukoll ħarġet mill-vettura tagħhom u komplew jargumentaw. Qal li

[18] *A fol.* 97 tal-proċess.
[19] *A fol.* 99 tal-proċess.
[20] *A fol.* 106 tal-proċess.
[21] *A fol.* 255 tal-proċess.

kemm l-attur kif ukoll it-tfajla tiegħu, illum martu, bdew jippuntaw subgħajhom lejn Redianne Bonello li kienet għadha bit-tifel f'idejha u skont hu l-argument beda jisħon. Qal li hu ħareġ mill-vettura u wissa lill-attur biex ma jerfax idejh fuq Bonello, u f'dak il-ħin l-attur kien sejjer għalih bil-ponn lest, u hu ħass li kellu jiddefendi ruħu, tant li għal xi ħin bdew jagħtu lil xulxin bil-ponn. Qal li kienet Redianne Bonello li ferrqet lill-partijiet, u kulħadd reġa' daħal fil-vettura tiegħu. Żied jgħid li dak il-ħin l-attur beda jsuq il-vettura tiegħu, resaq lejhom u offendiehom. Il-konvenut kompla jgħid li aktar tard dakinhar fil-għaxija hu kien ġie kkuntattjat mill-Għassa ta' Birkirkara, u meta mar l-għassa sab lill-attur ma' xi familjari tiegħu hemmhekk. L-attur beda jinsisti li lill-konvenut isirlu t-test tal-*breathalyser* għax beda jgħid li l-konvenut kien xurban, imma dan it-test irriżulta fin-negattiv. Il-konvenut qal li kienu ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, fejn ingħata l-libertà kundizzjonata. Kompla jgħid li wara dakinhar kien hemm diversi episodji oħra fejn hu safa pprovokat mill-attur.

**Redianne Bonello**, mart il-konvenut u ex sieħba tal-attur, fl-*affidavit* tagħha[22] ikkonfermat il-fatti kif spjegahom il-konvenut. Qalet li qabel iżżewġet lill-konvenut hija kienet ilha f'relazzjoni mal-attur għal madwar għaxar snin, minn liema relazzjoni twieled it-tifel. Hija kkonfermat li l-argument bejn il-partijiet inqala' proprju waqt li hi marret tiġbor lil binha minuri minn ħdejn San Anton, fejn dik il-ġurnata kien ġie miftiehem l-aċċess. Ix-xhud allegat li kien l-attur li l-ewwel li wera aggressjoni u kulma għamel il-konvenut kien li ddefenda ruħu. Hija kkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li sa fejn taf hi l-attur minn dejjem kellu problemi bin-nifs tant li kien juża numru ta' *inhalers* u sa minn meta kien żgħir kien taħt il-kura ta' speċjalista tan-nifs.

[22] *A fol.* 257 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2017 xehdet **Doris Vella Cassia**[23] in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, li esebiet kopja tal-file mediku tal-attur.[24]

Il-Qorti ħatret lill-espert mediku **Dr Kenneth Muscat**, konsulent fil-qasam tal-ENT fl-Isptar Mater Dei, sabiex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess inċident, l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad. L-espert mediku kkonkluda r-rapport tiegħu fit-23 ta' Novembru, 2017[25], fejn ikkonstata li l-attur kien stqarr miegħu li fit-22 ta' Settembru, 2013 kien qala' daqqa f'imnieħru, u li konsegwenza ta' hekk dan sofra ksur fl-għadam ta' mnieħru, li ġie korrett permezz ta' intervent kirurġiku li sar fil-5 ta' Ottubru, 2013.[26] L-espert mediku kkonkluda li l-attur għadu jsofri minn tnaqqis fis-sens tax-xamm, u minn uġigħ fiż-żona tas-*sinuses* fil-wiċċ, u minn ġranet li matulhom iħossu mblukkat. Mr Kenneth Muscat ikkonkluda li in vista tal-fatt li dan il-korriment tal-attur seħħ aktar minn erba' snin qabel ma eżamina lill-attur, mhux previst li ser ikun hemm aktar kambjamenti fid-diżabilità permaneti li qed isofri minnha. L-espert mediku irrelata dwar is-sejbiet tiegħu b'dan il-mod:

> "*On examination, the bony nasal bridge is objectively minimally deviated to the left and his cartilagenous nasal vault/tip comlex is slightly deviated to the right. The latter is due to a mildly deviated nasal septal cartilage visible on anterior rhinoscopy. His nasal passages were open bilaterally during the examination, but his inferior turbinates are hypertrophied. The relation between these turbinates and the deviated cartilage results in the presence of objective intermittent nasal blockage. ... A formal smell test (SmellDiskettes) was performed and Mr. Pulis scored 4 out of 8 correct which is suggestive of smell problems such as hyposmia.*"

[23] *A fol.* 280A tal-proċess.
[24] *A fol.* 280B *et seq.* tal-proċess.
[25] Kopja tar-relazzjoni *a fol.* 345 tal-proċess.
[26] Fi kliem l-espert, "*The medical reports confirmed a fracture with deviation of the nasal bones to the left and an attempt to correct this deformity was carried out during the above mentioned surgical procedure.*"

L-espert mediku Mr Kenneth Muscat ikkonkluda li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, hija ta' sitta fil-mija (6%).

Fl-udjenza tad-19 ta' April, 2018 saret l-eskussjoni tal-espert mediku **Dr Kenneth Muscat**[27], li spjega li frattura bħal dik sofferta mill-attur tiġi skoperta biss waqt eżami li jsir taħt loppju jew inkella permezz tas-*CT scan,* li f'dan il-każ ma jidhirx li sar fuq l-attur, u ma tiġix stabbilita minn eżami superfiċjali tad-dehra tal-wiċċ, li jidher li hu dak li sar meta l-attur mar fiċ-Ċentru tas-Saħħa immedjatament wara l-inċident. L-espert mediku qal li l-frattura setgħet saret sa erba' ġimgħat qabel l-inċident, għaliex l-għadma daqshekk iddum tiċċaqlaq qabel terġa' tagħqad. Iżda qal ukoll li meta huwa eżamina lill-pazjent sab li d-devjazzjoni tal-għadma li kellu l-attur hija kompatibbli mad-daqqa ta' ponn li qala' f'wiċċu. Ix-xhud spjega wkoll li meta eżamina lill-attur sab li l-*air flow* fl-imnieħer hu mnaqqas miż-żewġ naħat minħabba din id-devjazzjoni fil-qarquċa, u l-kisi tal-imnieħer hu kemxejn minfuħ ukoll. Ix-xhud spjega wkoll li jista' jsir intervent kirurġiku ieħor fuq l-attur sabiex titjieb il-kundizzjoni tiegħu. Ġie spjegat ukoll li fil-każ ta' persuni li jbatu bl-*asthma,* hemm riskju ogħla li dawn ibatu minn allerġiji li jikkawżaw imblokk fl-imnieħer. L-espert mediku spjega wkoll li bħal kull intervent ieħor, l-intervent li jista' jsir fuq l-attur fih ir-riskji tiegħu.

Il-konvenut ippreżenta għadd ta' ritratti[28] u *affidavit* ta' Redianne Abela fejn ikkonfermat meta kienu ttieħdu dawn ir-ritratti[29], li juru wiċċ l-attur qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, sabiex l-espert mediku Dr

[27] *A fol.* 367A tal-proċess.
[28] *A fol.* 370 tal-proċess.
[29] *A fol.* 375 tal-proċess.

Kenneth Muscat  ikun jista' jirrelata dwar jekk l-attur kellux xi *disfigurement* qabel l-inċident inkwistjoni jew le.

L-espert mediku **Dr Kenneth Muscat** ippreżenta rapport ulterjuri fis-17 ta' Ġunju, 2018[30] u dan wara li talab lill-attur jippreżenta provi fotografiċi ulterjuri sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm *nasal or facial aesthetic disfigurement* qabel id-data tal-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li hu kien qiegħed jerġa' jikkonferma l-konklużjonijiet li wasal għalihom fl-ewwel rapport tiegħu, u r-rata ta' debilità permanenti ta' sitta fil-mija (6%) hekk kif stabbilit fir-rapport oriġinali tiegħu u li ma jidhirx li l-attur kellu xi *'nasal or facial disfigurement before the date of the alleged nasal trauma.'*

Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur **Clive Pulis**[31], li qal li llum il-ġurnata hu jaħdem bħala uffiċjal fit-Taqsima tal-*Customer Care* tal-Ministeru tat-Trasport u huwa wkoll Viċi Sindku fil-lokalità tal-Isla. L-attur ġie mistoqsi dwar is-sintomi li hu qal li beda jħoss wara l-inċident inkwistjoni, bħall-uġigħ ta' ras, u wġigħ ieħor meta jmur jgħum, u kkonferma li hu għadu jħoss l-uġigħ bl-istess intensità li kien iħossu fil-ġranet u x-xhur ta' wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud ġie mistoqsi dwar jekk jipparteċipax f'xi sport, u kkonferma li huwa ġieli jieħu sehem f'maratoni, u anki f'*obstacle race* li tinvolvi mhux biss ġiri, iżda wkoll għawm. L-attur ikkonferma li huwa jieħu sehem f'*obstacle race* magħrufa bħala *The Grid Malta* u dan jagħmlu bħala parti minn tim u mhux biex jirbaħ xi titolu. L-attur ikkonferma wkoll li minkejja li l-uġigħ għadu bl-istess intensità bħall-ġranet ta' wara l-inċident, madanakollu hu xorta waħda għadu attiv speċjalment fl-attivitajiet li jsiru fil-

[30] *A fol.* 386 tal-proċess.
[31] *A fol.* 391 tal-proċess.

lokalità tal-Isla, u anki jerfa' l-istatwa fil-festa u dan jagħmlu bħala parti minn tim u mhux waħdu.

Permezz ta' nota bid-data tat-22 ta' Novembru, 2018, il-konvenut li bħala parti mid-difiża tiegħu qiegħed jikkontesta l-perċentwal ta' debilità permanenti sofferta mill-attur, ippreżenta sett ritratti [32] li juru lill-attur qiegħed jipparteċipa f'għadd ta' attivitajiet li jinvolvu eżerċizzju fiżiku, bħalma hija l-*obstacle race* magħrufa bħala *The Grid*, traskrizzjoni tad-domandi li saru lill-attur in kontroeżami fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Familja fl-ismijiet **Redianne Bonello *vs.* Clive Pulis,** (Rik. 234/2013 AL)[33], u ritratti li juru lill-attur qiegħed jerfa' l-istatwa ta' Maria Bambina waqt il-festa tal-Isla.[34]

Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2019 sar il-kontroeżami tal-konvenut **Jovil Abela**[35], li kkonferma li l-inċident inkwistjoni seħħ waqt li hu u Redianne Bonello marru jiġbru lit-tifel ta' Bonello, wara l-aċċess li l-minuri kellu ma' missieru, l-attur. Il-konvenut qal li d-diżgwid inqala' dwar il-post minn fejn kellu jinġabar it-tifel minuri wara l-aċċess, u l-argument beda permezz ta' SMSs bejn l-attur u Redianne Bonello. Żied jgħid li omm it-tifel ma tantx jidher li kienet kuntenta b'dan l-arranġament, iżda lilu ma kinitx tagħmillu differenza t-tifel minn fejn kellu jinġabar. Żied jgħid li hu kien l-aħħar persuna li ħarġet mill-vettura, u hekk kif omm il-minuri ħarġet mill-vettura fejn kienu, hu sema' l-għajjat tal-attur u ta' omm it-tifel. Il-konvenut enfasizza li għalih l-arranġamenti dwar it-tifel minn fejn jinġabar ma għamlulux differenza, u kien għalhekk li huwa baqa' fil-karozza tiegħu. Il-konvenut qal ukoll li l-attur hu itwal minnu bħala statura, u kif ħareġ mill-vettura hu rah lest sejjer għalih bil-ponn. Qal li hu

[32] *A fol.* 404 *et seq.* tal-proċess.
[33] *A fol.* 408 tal-proċess.
[34] *A fol.* 414 tal-proċess.
[35] *A fol.* 417 tal-proċess.

kulma għamel kien li ddefenda ruħu. Qal li hu ħareġ mill-vettura wara li induna li s-sieħba tiegħu u l-attur kienu qegħdin jargumentaw. Il-konvenut esebixxa wkoll sensiela ta’ ritratti[36] li juru lill-attur qiegħed jieħu sehem f’taħriġ intensiv sabiex ikun jista’ jieħu sehem fil-*military run* bl-isem *The Grid Malta*, li tinvolvi eżerċizzju fiżiku estrem u taħriġ fuq ir-ramel u f’kundizzjonijiet estremi, sabiex jiskredita x-xhieda tal-attur li hu għadu jbati minn limitazzjonijiet f’saħħtu minħabba fid-debilità allegatament sofferta minnu.

**Konsiderazzjonijiet legali**

F’kawżi ta’ din ix-xorta l-ewwel analiżi li jeħtiġilha tagħmel il-Qorti hija dwar ir-responsabbilità o meno tal-konvenut għall-akkadut, u dan billi tgħarbel il-provi mressqa quddiemha sabiex tistabbilixxi jekk da parti tal-konvenut kienx hemm ħtija u għandhiex tinġarr minnu r-responsabbilità għad-danni permanenti sofferti mill-attur jew le. Minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ waqt li l-attur kien qiegħed iwassal lil ibnu minuri Dale quddiem San Anton, wara li l-attur kien ftiehem ma’ omm l-istess minuri li għal dakinhar it-tifel kellu jinġabar minn hemm wara l-aċċess tal-missier. Jirriżulta li dan l-arranġament kien differenti minn dak li l-ġenituri tal-minuri kienu mdorrijin bih is-soltu, u mit-ton tal-messaġġi telefoniċi li Redianne Bonello omm il-minuri bagħtet lill-attur, jidher li din xejn ma ħadet gost b’dan, tant li wieġbet għall-SMS tiegħu b’ħafna herra, b’akkużi fil-konfront tat-tfajla tal-attur u b’theddid, fosthom billi qaltlu “tħallinix nisplodi għax bi kbira tkun”. Il-Qorti semgħet tixhed lil Donna Zammit, illum mart l-attur, li anki mill-mod

[36] *A fol.* 424 *et seq.* tal-proċess.

kif Redianne Bonello sabbtet il-bieba tal-vettura li kienet qiegħda ssuq, hekk kif ħarġet mill-vettura sabiex tavviċina lill-attur u tieħu lil binha, hija setgħet tinduna li din kienet irrabjata u li jew dan l-arranġament ma għoġobhiex jew inkella kienet qiegħda tesprimi r-rabja tagħha għal xi ħaġa oħra.

Min-naħa tiegħu l-konvenut Jovil Abela xehed li għalih il-post minn fejn jinġabar it-tifel ma kien jagħmillu l-ebda differenza, u hu ma kienx irrabjat meta Redianne Bonello ħarġet mill-vettura li kienet qiegħda ssuq sabiex tiġbor lil binha. Il-konvenut xehed li min-naħa tiegħu intervjena biss meta ra li bejn l-attur u Redianne Bonello kien inqala' argument u l-affarijiet bdew jeskalaw. Żied jgħid li min-naħa tiegħu huwa aġixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu billi laqa' għad-daqqiet li l-attur beda jagħti bil-ponn, u konsegwenza ta' hekk spiċċa weġġa' lill-attur. Din il-verżjoni ta' kif seħħew il-fatti tikkontrasta sew ma' dak li xehdu l-attur u t-tfajla tiegħu, li t-tnejn qalu li l-konvenut mar irrankat għal fuq l-attur u beda jtih bil-ponn, wara li Redianne Bonello qabdet targumenta mal-attur u t-tfajla tiegħu.

Rinfaċċjata b'dawn il-verżjonijiet kontrastanti, il-Qorti trid tara fuq bażi ta' probabbilitajiet min mill-partijiet aktarx li qiegħed jgħid il-verità. F'dan ir-rigward f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[37] intqal:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu

[37] P.A., 30.10.2003.

paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs* Fithome Ltd**[38] irriteniet illi:

"Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[39]

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[40] ġie ritenut:

"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ

[38] P.A., 06.05.2011.
[39] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[40] P.A., 28.04.2004.

> tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Tqis illi mill-provi jirriżulta li filwaqt li l-attur kien kalm fil-mument li fih waqqaf il-vettura tiegħu quddiem San Anton, sabiex ikun jista' jiltaqa' ma' omm ibnu u jagħtiha it-tifel, din min-naħa tagħha għal xi raġuni kienet irrabjata għall-fatt li kellha tiġbor lil binha minn Ħ'Attard wara li dan kien attenda *party* flimkien ma' missieru, u meta din avviċinat lill-attur uriet ostilità kemm lejh kif ukoll lejn it-tfajla tiegħu. Mit-ton tal-messaġġi mibgħuta mill-partijiet dakinhar stess tal-inċident, jidher ċar li filwaqt li l-attur żamm il-kalma, għal xi raġuni Redianne Bonello bdiet twieġeb b'ċerta ostilità u b'akkużi diversi li jinvolvu fost l-oħrajn lis-sieħba tal-attur, li ssemmiet fl-argument mingħajr provokazzjoni ta' xejn.

Tqis li anki jekk kienet Redianne Bonello li riedet taqla' l-inkwiet mal-attur, il-konvenut waqa' għall-provokazzjoni, billi jirriżulta li kien hu li aggredixxa lill-attur u mhux bil-kontra. L-esperti mediċi li invistaw lill-attur u li rrelataw dwar l-istat ta' saħħtu, inkluż it-tabiba fiċ-Ċentru tas-Saħħa li eżaminat lill-attur ftit tal-mumenti wara li seħħ l-inċident, ikkonfermaw li l-ġrieħi sofferti minnu huma kompatibbli mad-daqqa ta' ponn li qala', filwaqt li l-grif u l-brix li t-tabiba fiċ-ċentru tas-saħħa stabbilixxiet li l-attur kellu fuqu, huma wkoll kompatibbli mal-fatt li hu kien ġie mitfugħ mal-art filwaqt li l-konvenut beda jtih.

Tal-istess ħsieb jidher li kienet il-Qorti tal-Maġistrati li fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenut, ikkonkludiet li kien l-aġir tal-konvenut li wassal biex argument verbali ddeġenera fi ġlieda fiżika bejnu u bejn l-attur. Minkejja li l-grad ta' prova f'kawża ċivili huwa differenti mill-grad ta' prova meħtieġ fi

proċeduri kriminali, madanakollu ma hemm xejn ħażin, li l-ġudikant f'kawża ċivili jikkonsidra bħala waħda mill-provi, dak li jkun irriżulta mill-proċeduri kriminali li jkunu involuti fihom il-partijiet fil-kawża ċivili. F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Schembri *vs.* Portelli**[41], intqal:

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs* Abela,** deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003 osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju in sede penali jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti". Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb *vs* Micallef,** deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi, *"si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizzazzione alle prove raccolte in procedimento penale."*

Illi huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, li l-Qorti qiegħda tikkonkludi li l-konvenut għandu jinżamm unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, u li konsegwentement dan għandu jagħmel tajjeb għall-imsemmija danni. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Grech *vs.* Emanuel Ellul pro et noe**[42], ġie ritenut illi:

> "Sabiex ikun hemm lok għad-danni irid ikun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża."

F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Attard *vs.* Attard**[43], il-Qorti qalet illi:

> "Id-danni sofferti fi ġlieda għandu jirrispondi għalihom min kien il-provokatur tagħha."

[41] 31.05.2013.
[42] P.A.,27.06.1995.
[43] 20.06.1984 – Vol. XXXVI.11.467.

Il-Qorti tirrileva li l-konvenut fix-xhieda tiegħu għamel riferiment għall-fatt li hu safa pprovokat mill-attur, tant hu hekk qal li l-provokazzjonijiet komplew anki wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Madanakollu anki dwar dat-tip ta' allegazzjonijiet li jsiru minn min jipprova jimmenomizza d-danni billi jallega li kien hemm xi tip ta' provokazzjoni, f'sentenza fl-ismijiet **Gauci *vs.* Gauci**[44] il-Qorti tal-Appell kienet ippronunzjat ruħha b'dan il-mod:

> "min jikkaġuna danni fi ġlieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni ... jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess jew jekk il-fatti juru li hu kien qiegħed jaġixxi minħabba xi riżentiment li kellu minn qabel versu l-parti l-oħra. U kieku stess min ikkaġuna d-danni ikkaġunahom waqt li kien qiegħed jirreaġixxi, l-iskużanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tiegħu ma kinitx proporzjonata."

Il-Qorti hija tal-fehma li anki li kieku għas-saħħa tal-argument il-konvenut kien qiegħed jirreaġixxi għal xi forma ta' provokazzjoni, il-fatt biss li l-attur spiċċa mal-art, bi grif ma' diversi partijiet ta' ġismu u baqa' jsofri debilità permanenti konsegwenza tad-daqqa ta' ponn li qala' f'imnieħru, ukoll huwa indizju ċar li r-reazzjoni tal-konvenut ma kinitx waħda proporzjonata.

Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenut għad-danni sofferti mill-attur, jifdal li din il-Qorti tgħaddi biex tillikwida d-danni. L-attur ma ressaq l-ebda pretensjoni jew prova fir-rigward ta' danni materjali sofferti minnu, u għalhekk dak li trid tistabbilixxi l-Qorti hu kemm hu l-ammont ta' telf ta' dħul futur soffert mill-attur, u ċioé l-kwantifikazzjoni tal-*lucrum cessans.*

[44] Q.A., 30.11.1956.

F'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[45], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[46], intqal illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Jirriżulta mid-dokumenti esebiti fl-atti ta' din il-kawża, li fis-sena 2013 l-attur kellu dħul gross ta' €14,732, filwaqt li d-dħul nett tiegħu kien ta' €12,813. Jirriżulta wkoll li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, l-attur kellu l-età ta' tletin (30) sena. Id-dħul nett tiegħu għal dik is-sena partikolari jrid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja[47] għall-perijodu kollu tal-*multiplier.*

---

[45] P.A., 18.02.2013.

[46] P.A., 27.04.2005.

[47] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' tletin (30) sena, li hi l-età li kellu l-attur fis-sena 2013, il-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 30, tenut kont li persuna fl-età tal-attur hu mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward Restall et**[48], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Kif ġia ntqal, in vista tal-fatt li l-attur kellu 30 sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, il-Qorti qiegħda tadotta *multiplier* ta' 30, sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu huwa ta' €12,813 + €16,503.15 / 2 =

[48] P.A., 10.05.2005.

€14,658.07. Hu dan is-salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*.

Fil-kawża odjerna, ġie stabbilit kemm mill-espert mediku *ex parte* Mr Adrian Agius li eżamina lill-attur qabel ma nbdew dawn il-proċeduri, kif ukoll mill-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Kenneth Muscat, li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' sitta fil-mija (6%). Il-Qorti tqis li m'hemm ebda raġuni għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq ir-rata ta' diżabilità permanenti kif stabbilita minn dawn l-esperti mediċi.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jrid isir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, minn dawn l-20% tnaqqis għal-*lump sum payment* il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentat r-rikors maħluf u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fl-2016, u ser tinqata' f'temp ta' tliet snin jew anqas minn meta saret l-ewwel udjenza, filwaqt li ma jistax jingħad li kien hemm xi delungar da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €14,658.07 x *multiplier* ta' 30, x 6% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €26,384.53 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€21,107.62.** Dan huwa l-*lucrum cessans* li qiegħed jiġi likwidat mill-Qorti.

Fis-sottomissjonijiet imressqa mill-avukat difensur tal-attur, dan għamel riferiment għal żvilupp importanti li seħħ fis-sistema legali tagħna, dak li f'ċirkostanzi fejn id-danni jirriżultaw minn reat kriminali, jiġu likwidati wkoll id-danni morali sofferti mill-vittma. Madanakollu l-Qorti tqis li dan it-tibdil fil-liġi ma ddaħħalx b'effett retroattiv, u fiż-żmien li fih ġew istitwiti dawn il-proċeduri, il-kunċett tad-danni morali kien għadu ma ddaħħalx fis-sistema legali tagħna. Fil-fatt mir-rikors promutur u mit-talbiet attriċi ma jirriżultax li saret xi talba mill-attur għal-likwidazzjoni ta' danni morali, u għalhekk il-Qorti qiegħda tiċħad din il-pretensjoni tal-attur li ġiet imqanqla tard fil-ġurnata fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-konvenut Jovil Abela huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-attur Clive Pulis b'konsegwenza ta' dak li seħħ fit-22 ta' Settembru, 2013, u tillikwida d-danni dovuta lill-attur fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf, mija u seba' Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€21,107.62);**

3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mill-20 ta' Ġunju, 2015, id-data tan-notifika tal-ittra ġudizzjarja numru 2214/15 u bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja, datata 17 ta' Ġunju, 2015, (2214/15), kontra l-konvenut.**

Moqrija.